**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Ottubru 2023**

Rikors Numru: 68/23 AL

A B

vs

Dr. Mark Mifsud Cutajar u P.L. Hilda Ellul Mercer li permezz ta' digriet tal-5 ta' Mejju 2023 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw l-interessi tal-assenti C sive C D

(M.R. Numru 3454/2014)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi r-rikorrent zewweg lill-konvenuta assenti fis-sbatax ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (17/12/2014) gewwa r-Registru taz-Zwieg, il-Belt Valletta u dana kif jirrizulta mic-certifkat taz- zwieg taghhom anness u mmarkat bhala Dok A'.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

3. Illi ghalkemm il-partijiet ma humiex legalment separati minn xulxinhuma ilhom separati de facto ghal izjed minn (1) sena.

4. Illi l-istess konvenuta assenti kienet iddecidiet li tabbanduna u tissepara minn mar-rikorrent billi kienet halliet id-dar fejn kienu qiegħdin jirrisjedu u jgħixu flimkien ossia l-fond li huwa proprjeta tal-istess rikorrent

5. Illi minhabba l-istess abbandun u nuqqas ta raguni tadin id-decizjoni da parti tal-konvenuta assenti, il-hajja matrimonjali tar-rikorrent ma setghetx tirnexxi u għalhekk giet reza bhala impossibbli

6. Illi r-rikorrent jirrileva illi ma hemm l-ebda prospett għal xi tip ta' rikonciljazzjoni mal- konvenuta assenti u dana kif gie debitament mwissi wkoll permezz ta' nota guramentata mill- konsulenti legali tieghu anness u mmarkat bhala Dok B'.

7. Illi r-rikorrent jirrileva wkoll illi ma hemmx assi formanti mill-komunjoni tal-akkwisti u dana billi l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt taseparazzjoni tal-beni fil-hmistax ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (15/12/2014) permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela anness u mmarkat bhala Dok C'.

8. Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbiment u sussidjarjament minhabba abbandun da parti tal-konvenuta assenti;

2. Tawtorizza lir-rikorrent jghix separatament mill-konvenuta;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrat sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta assenti, li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha esponew:

Illi ghalkemm l-kuratur jiddikjara li ma huwiex konxju mill-fatti kollha tal-kaz in ezamine, t-talba qed tigi opposta bhala nfondata fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u dan b'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri ghal kull buon fini.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment li t-talbiet jigu respinti, bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Mejju 2023;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat illi l-kuraturi deputati debitament notifikati pprezentaw risposta;
Rat in-nota guramentata tal-avukat;

Rat illi l-kuraturi deputati minkejja t-tentattivi li għamlu ma rnexxielhomx jikkomunikaw mal-intimata assenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieg jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn sena;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet izda illi r-rikorrentii għandu provizorjament iħallas l-ispejjez kollha nkorsi fir-rigward tal-ħatra tal-kuraturi deputati.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.